MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 704/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**La Palma Imports Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta` Lulju, tas-sena 2006 fejn talbu li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom s-somma ta` hames mija u hamsa u hamsin lira u dsatax il-centezmu (Lm555.19), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contact number 1002771 ghal servizzi rezi minn April, 2005 sa Lulju 2005. Intalab ukoll l-imghax legali mid-data ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta` Novembru, 2005 u l-ispejjez ta` l-istess ittra ufficcjali u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz.

Ra li s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba attrici.

Sema` ix-xhieda tal-P.L. Peter Paul Sammut illi bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ra illi ebda rapprezentant tas-socjeta` konvenuta ma pprezenta ruhu ghas-seduta ta` llum biex jikkontesta l-istess talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta` hames mija u hamsa u hamsin lira u dsatax il-centezmu (Lm555.19), bl-imghaxijiet dekorribbli mit-30 ta` Novembru, 2005 u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------